**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

vs

Joseph Bonello

Seduta tal-llum 26 ta' Jannar 2001.

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Bonello, 44 sena, iben Paul u Rita nee Cascun, imwieled Victoria, Ghawdex, Karta tal-identita' numru 31255 (G), kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Nakkuzah talli fis-17 ta' Settembru 1998, ghall-hbata ta' xi 7.30 pm fi Triq il-Qala, Nadur, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta' Roza Grech, minn Nadur, skond certifikat tat-tabiba Dr. Nathalie Gatt Ellis, MD ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex;
>
> Nakkuzah ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lourdes Bonello, minn Nadur, skond certifikat tat-Tabiba Dr. Nathalie Gatt Ellis, M.D. tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.
>
> Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-13 ta' Jannar 1999 fejn baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti that dak li hemm mahsub fl-artikolu 216 u 221 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 18 tal-Kap 65 u l-Avviz Legali 128 tal-1994 u dan skond l-artikolu 370(3) tal-Kap 9;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 1999 l-imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bil-procedura sommarja ;

Semghet il-provi bil-gurament:

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2000;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiejt;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:

L-Ispettur Paul Vassallo ta l-isfond tal-incident kif rakkontat lilu mill-vittmi. Dan ipprezenta stqarrija tal-imputat li ghazel li ma jiffirmax.

Il-vittma Rosa Grech xehedet li hija omm Lourdes Bonello, l-ex mara tal-imputat. Dak inhar tal-incident kienet id-dar ta' Lourdes flimkien man-neputi taghha Mark Camilleri qed iwahhlu letter-box. L-imputat qabad u dahal u gie ghaliha wara li ghamel rimarka dwar xi toqba li kienu qed jaghmlu fl-art. Hu qabad itiha f'wiccha u jsabbatha mal-hajt. Sussegwentement mar ifittex lill-Lourdes u ratu jaqbadha min ghonqa. Din ix-xhud qalet li kienet tircievi diversi telefonati ta' theddid minghand l-impuat. Rosa Grech kompliet tghid illi l-imputat qabad lilha u lil bintha u beda jsabbathom ma' xulxin u tefghahhom mal-art. In kontro-ezami, din ix-xhud qalet li l-imputat dahal mill-bieb tal-garage minn jeddu minghajr hadd ma qallu;

Lourdes Bonello xehedet illi wara li l-imputat qal xi haga fuq toqba li kienu qed jghamlu mal-art ghal-firroll, tefa lill-ommha mal-art u meta marret tghinnha tefghahha mal-art u qabad itiha. "L-imputat dak il hin kellu sgarett, u jidher li xi gmamar gew f'idejja ghax kelli l-minkeb mahruq. Imbaghad qabad fija, qabadni minn ghonqi u beda jissussani, qabadni minn xaghri, jdwaru mieghi, u jghid x'tipretendi b'dan ix-xaghar; u kompla jghatini kemm lili u kemm lill ommi. Fl-ahhar qabad

lill-ommmi w imbuttaha mal-hgieg tal-bieb tal-garage, u kisser il-hgieg tieghu. Meta l-imputat kien qed jghafasli ghonqi, jiena ma stajtx niehu nifs. Konsegwenza ta' dan l-incident jiena kelli hafna tbengil u brix, f'ghonqi f'idejja, u f'genbi." (fol 22);

Mark Camilleri li kien fuq il-post tal-incident qed jghid lill-nantu Roza Grech ikkorobora dak li qalu l-ewwel zewg xhieda u inoltre li kellu jintervjeni biex l-imputat jieqaf milli ikompli isawwat lill-Roza Grech u bintha.

It-Tabiba Dr. Nathalie Gatt Ellis xehede tilli fis-17 ta' Settembru 1998 ezaminat lill Rose Grech li kellha ugiegh ma gisimha kollu specjalment fl-elbow joint tax-xellug, tbengil kbir fir-ras in-naha tax-xellug u minn X-Ray tal-elbow Joint irrizulta ksur. Din ix-xhud rat ukoll lill Lourdes Bonello. Din kellha tbengila kbira fid-dahar fin-naha tal-lemin, li kellha dijametru approssiimattiv ta' ghaxar centimitru;

Mr. Raymond Aquilina, Orthopedic Surgeon ikkonferma illi meta ezamina lill-Rose Grech irrizulta li kienet weggghet il-minkeb ta' dirghajha x-xellugija u l-polz ta' dirghajha l-leminija u kellha ksur illi kien "undisplaced" f'dawk iz-zewg postijijet. Jumejn wara kien rahha Dr. Pechar fejn kien ordnalha gibs fuq dirghajha x-xellugija. Mr. Aquilina reggha raha bhala follow-up fit-30 ta' Settembru meta tnehha l-gibs u meta rega raha fit-28 ta' Ottubru l-polz kien deher li fieq ghal kollox izda fil-minkeb kien ghad hemm ftit nuqqas ta' moviment. Dan ix-xhud ikkonferma illi sa sitt gimghat wara l-incident zgur ma kienx ghad hemm "full recovery".

Ix-Xhud Mr. Antonin Pecar ikkonferma illi Rose Grech kellha " a fracture on head of right radius which is the bone in the forearm and she had a bruising on her left wrist".

L-imputat iddepona fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2000 u qal li ma fil-post tal-incident ghaliex reid ikellem lill-ex-mara tieghu ghaliex dejjem xtaw jirranga. Malli ra lill-Rose Grech qalilha "Mur 'il gewwa ha nkellimha". Dan qal li Grech bdiet tghajjat u tgheddu li ser iggiblu il-Pulizija u meta ma ridietx, "jiena nfxilt daqsxejn u mbuttajtha u mbuttajt lilll mara li kelli. Imbuttajthom daqsxejn u ersaqt fejn il-bieb ghax jien

imsejt zewg passi hemmhekk fejn il-bieb tal-garage u ersaqt fejn il-bieb, ergajt lura u lil mara tieghi ghidtilha “Tghallinix iktar milli ghallejtni” u tlaqt ‘ barra”

L-imputat jghid illi ilu xi hmistax-il sena separat minn martu u din ma jafx x’hawdet barra minn Malta izda dejjem xtaq jirranga maghha. L-imputat ta rendikont tar-retroxena tal-incident u cioe’ ta kemm ilu jipprova ikellem lill-martu wara li dawn infirdu u din dejjem taharbu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekkuzzjoni ippruvat il-kaz taghha. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien l-awtur tal-feriti hfief subiti minn Lourdes Bonello u tal-feriti gravi subiti minn Rose Grech. L-imputat ghandu jitqies responsabbli ghal agir tieghi meta dahal f’residenza minghajr il-permess tas-sid u kontra l-volonta’ tas-sid u mbotta lil Lourdes Bonello u lil Rose Grech u dawn ssubew il-feriti minnhom deskritti u mertu tal-akkuza.

Gahl dawn il-mottivi il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotti kontra tiehgu;

Wara li rat l-artikoli 215, 216(d), 221(1);

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi din mhix l-ewwel darba li l-imputat ivvessa u mmolesta lill-Rose Grech u Lourdes Bonello anke permezz tat-telefon, tqis illi b’hekk wasal iz-zmien illi l-imputat jifhem illi ma ghandux jibqa’ jissokta b’dan l-agir vessatorju tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sitt xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija u dan fi zmien sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Il-Qorti fehemet l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur